31991L0662

31.12.1991 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 366/1

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

tas-6 ta' Diċembru 1991

li taddatta għall-progress tekniku d-Direttiva tal-Kunsill 74/297/KEE rigward il-komportament tar-rota ta' l-istering u l-kolonna tiegħu f'impatt

(91/662/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 74/297/KEE ta' l-4 ta' Ġunju 1974 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrelataw dwar it-tagħmir intern ta' vetturi bil-mutur (il-komportament tal-mekkaniżmu ta' l-istering f'każ ta' impatt) [1], u b' mod partikolari l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi, minħabba esperjenza miksuba u l-aktar teknoloġija moderna, huwa issa xieraq, fil-każ ta' impatt frontali, biex tkun imtejba l-protezzjoni tas-sewwieq billi jkun ikkontrollat il-komportament tar-rota ta' l-istering u l-mekkaniżmu tiegħu li huwa l-għan tad-Direttiva 74/297/KEE, billi tkun allineata ma' l-iżviluppi l-iktar reċenti fir-Regolament relevanti tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa u bl-introduzzjoni ta' xi miljoramenti oħra;

Billi, minħabba esperjenza miksuba minn inċidenti li jindikaw li r-rota ta' l-istering għandha tkun ratba biex tipproteġi l-wiċċ tas-sewwieq minn korriment gravi, iktar modifikazzjonijiet għal din id-Direttiva għandhom ikunu introdotti għal dan l-iskop; billi, diversi proposti għal metodu ta' ttestjar huma disponibbli, il-Kummissjoni għandha tressaq proposta oħra lill-Kumitat għall-Adattament tal-Progress Tekniku sal-31 ta' Diċembru 1991;

Billi d-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat għall-Adattament tal-Progress Tekniku tad-Direttivi dwar Vetturi bil-Mutur,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Annessi għad-Direttiva 74/297/KEE huma hawnhekk emendati skond l-Annessi għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. B'effett mill-1 ta' Ottubru 1992 ebda Stat Membru ma jista'

(a) — jirrifjuta, rigward xi tip ta' vettura, li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KE, jew joħroġ kopja taċ-ċertifikat ipprovdut għalih fl-aħħar indent ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva tal- Kunsill 70/156/KEE [2], jew jagħti approvazzjoni tat-tip nazzjonali, jew

— jipprojbixxi li vetturi jibdew jintużaw,

fuq kriterji li jirrelataw mal-mekkaniżmu tar-rota ta' l-istering tagħhom jekk din kienet approvata skond id-Direttiva 74/297/KEE kif emendata b'din id-Direttiva;

(b) — jirrifjuta li jagħti approvazzjoni tat-tip tal-KE rigward tip ta' kontroll ta' l-istering intenzjonat għal installazzjoni f'vettura jew vetturi, jew

— jipprojbixxi t-tfigħ fis-suq ta' kontrolli ta' l-istering intenzjonati għall-installazzjoni f'vettura jew vetturi.

kemm-il darba l-imsemmi kontroll ta' l-istering huwa konformi ma' dak li titlob id- Direttiva 74/297/KEE kif emendata b'din id-Direttiva.

[1] ĠU L 165, ta' l-20.6.1974, pġ. 16

[2] ĠU L 42, tat-23.2.1970, pġ. 1

2. B'effett mill-1 ta' Ottubru 1996, rigward vetturi bil-mutur tal-kategorija M_1 li mhumiex bil-kontroll quddiem, l-Istati Membri:

— ma joħorġux iktar il-kopja taċ-ċertifikat li hemm ipprovdut għalih fl-aħħar indent ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 70/156/KEE, u

— jistgħu jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip nazzjonali

fuq kriterji li jirrelataw mal-mekkaniżmu ta' l-istering jekk dan mhux konformi ma' dak li titlob id-Direttiva 74/297/KEE kif emendata b'din id-Direttiva;

3. B'effett mill-1 ta' Ottubru 1995, rigward vetturi bil-mutur bil-kontroll quddiem tal-kategorija M_1 u l-vetturi bil-mutur kollha N_1 b'massa massima permessibbli li ma teċċedix l-1 500 kilogramm, l-Istati Membri:

— ma joħorġux iktar il-kopja taċ-ċertifikat li hemm ipprovdut għalih fl-aħħar indent ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 70/156/KEE, u

— jistgħu jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip nazzjonali fuq kriterji li jirrelataw mal-mekkaniżmu ta' l-istering jekk dan mhux konformi ma' dak li titlob id-Direttiva 74/297/KEE kif emendata b'din id-Direttiva;

4. B'effett mill-1 ta' Ottubru 1996, rigward it-tipi ta' kontroll ta' l-istering, l-Istati Membri:

— ma joħorġux iktar il-kopja taċ-ċertifikat li hemm ipprovdut għalih fl-aħħar indent ta' l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 70/156/KEE, u

— jistgħu jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip nazzjonali fuq kriterji li jirrelataw mal-kontrolli ta' l-istering jekk dawn il-kontrolli ta' l-istering mhumiex konformi mal-paragrafi 5.2, 5.3 u 5.4 ta' l-Anness għad-Direttiva 74/297/KEE kif emendata b'din id-Direttiva;

5. B'effett mill-1 ta' Ottubru 1996 l-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu l-ewwel darba li jintużaw vetturi li fihom il-mekkaniżmi ta' l-istering mhumiex konformi ma' dak li titlob id-Direttiva 74/297/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

Madankollu, dan ma japplikax qabel l-1 ta' Ottubru 1997:

— għal vettura bil-kontroll quddiem tal-karegorija M_1, jew

— għal vettura tal-kategorija N_1 b'massa permessibbli massima li ma taqbiżx l-1500 kilogramm, jew

— fil-każ ta' vettura tal-kategorija M_1 ħlief vettura bil-kontroll quddiem, rigward it-talbiet stabbiliti fil-paragrafu 5.1 ta' l-Anness (spostament vertikali massimu tal-kolonna ta' l-istering).

6. B'effett mill-1 ta' Ottubru 1995 l-Istati Membri jistgħu jipprojbixxu t-tfigħ fis-suq ta' kontrolli ta' l-istering intenzjonati għal installazzjoni f'vettura jew vetturi jekk dawn il-kontrolli ta' l-istering ma jkunux konformi mat-talbiet stabbiliti fil-paragrafi 5.2, 5.3 u 5.4 ta' l-Anness għad-Direttiva 74/297/KEE, kif emendata b'din id-Direttiva.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet leġislattivi, regolatorji u amministrattivi neċessarji biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel l-1 ta' Ottubru 1992 u għandhom minnufih jinfurmaw b'dan lill-Kummissjoni.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew inkella għandhom ikunu akkumpanjati b'dik ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal dik ir-referenza għandha tkun adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-termini tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva jkunu kkomunikati lill-Kummissjoni.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fis-6 ta' Diċembru 1991.

Għall-Kummissjoni

Martin BANGEMANN

Viċi-President

ANNESS I

DEFINIZZJONIJIET, APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE, APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE, SPEĊIFIKAZZJONIJIET, TESTIJIET, KONFORMITÀ TA' PRODUZZJONI

1. SKOP

Din id-direttiva tapplika għall-komportament tal-mekkaniżmu ta' l-istering ta' vetturi bil- mutur tal-kategorija M_1, u vetturi tal-kategorija N_1 b'massa permessibbli massima ta' inqas minn 1500 kilogramm, rigward il-protezzjoni tas-sewwieq f'ħabta frontali.

Fuq talba tal-fabbrikant, vetturi li jappartjenu għall-kategoriji l-oħra jistgħu jkunu approvati taħt din id-Direttiva.

2. DEFINIZZJONIJIET

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

2.1. 'Komportament tal-mekkaniżmu ta' l-istering fil-każ ta' impatt' ifisser il-komportament ta' dan il-mekkaniżmu taħt l-effett ta' tliet tipi ta' forza, jiġifieri:

2.1.1. dawk li jirriżultaw minn ħabta frontali li jistgħu jipproduċu spostament tal-kolonna ta' l- istering lejn in-naħa ta' wara,

2.1.2. dawk dovuti għall-inerzja tar-ras tas-sewwieq fil-każ ta' impatt fuq il-kontroll ta' l- istering f'ħabta frontali;

2.1.3. dawk dovuti għall-inerzja tal-ġisem tas-sewwieq fil-każ ta' impatt fuq il-kontroll ta' l- istering f'ħabta frontali;

2.2. 'Tip ta' vettura' ifisser kategorija ta' vetturi bil-mutur li mhumiex differenti f'dawk il- kwalitajiet essenzali bħal:

2.2.1. l-istruttura, id-dimensjoni, il-linji u l-materjali kostitwenti ta' dik il-parti tal-vettura ta' quddiem il-kontroll ta' l-istering;

2.2.2. il-massa tal-vettura waqt li għadha taħdem tajjeb, kif definita fit-taqsima 2.6 ta' l- Anness I għad-Direttiva 70/156/KEE mingħajr is-sewwieq.

2.3. 'Kontroll ta' l-istering' ifisser l-istrument ta' l-istering, normalment ir-rota ta' l- istering, li jkun attwat mis-sewwieq.

2.4. 'Tip ta' kontroll ta' l-istering' ifisser kategorija ta' kontrolli ta' l-istering li mhumiex differenti f'dawk il-kwalitajiet essenzali bħal struttura, dimensjoni, linji u materjali kostitwenti.

2.5. 'Approvazzjoni tal-kontroll ta' l-istering' tfisser l-approvazzjoni tat-tip tal-kontroll ta' l- istering rigward il-protezzjoni tar-ras u l-ġisem tas-sewwieq kontra l-kontroll ta' l-istering f'każ ta' impatt.

2.6. 'Approvazzjoni tal-vettura' tfisser l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura rigward il- protezzjoni tar-ras u l-ġisem tas-sewwieq kontra l-mekkaniżmu ta' l-istering f'każ ta' impatt.

2.7. 'Kontroll ta' l-istering ġenerali' ifisser kontroll ta' l-istering li jista' jkun iffittjat fuq iktar minn tip ta' vettura waħda fejn id-differenzi fit-twaħħil tal-kontroll ta' l-istering mal- kolonna ta' l-istering ma jaffettwawx l-azzjoni ta' l-impatt tal-kontroll ta' l-istering.

2.8. 'Il-borża ta' l-arja' tfisser borża flessibbli li hija ddisinjata biex timtela b'gass taħt pressjoni, u hija:

2.8.1. iddisinjata biex tipproteġi lis-sewwieq tal-vettura f'impatt kontra l-kontroll ta' l-istering, u

2.8.2. tintefaħ b'makkinarju li jkun attwat f'każ ta' impatt tal-vettura.

2.9. 'Ix-xifer tal-kontroll ta' l-istering' ifisser iċ-ċirku ta' barra *qusi-toroidal* fil-każ tar-rota ta' l-istering normalment maħfun b'id is-sewwieq waqt is-sewqan.

2.10. '*Spoke*' tfisser virga tal-ħadid li tgħaqqad il-kontroll ta' l-istering mal-boxxla.

2.11. 'Boxxla' tfisser il-parti tal-kontroll ta' l-istering, normalment tkun fin-nofs, li

2.11.1. tgħaqqad il-kontroll ta' l-istering max-xaft ta' l-istering;

2.11.2. tittrasmetti l-momentum mill-kontroll ta' l-istering għax-xaft ta' l-istering.

2.12. 'Ċentru tal-boxxla tal-kontroll ta' l-istering' ifisser il-punt fil-wiċċ tal-boxxla li huwa f'linja ma' l-assi tax-xaft ta' l-istering.

2.13. 'Pjan tal-kontroll ta' l-istering' ifisser, fil-każ tar-rota ta' l-istering, il-wiċċ ċatt li jaqsam ir-rimm tar-rota ta' l-istering ugwalment bejn is-sewwieq u quddiem tal-vettura.

2.14. 'Xaft ta' l-istering' ifisser il-komponent li jittrasmetti lill-*housing* tal-*gear* ta' l-istering il-momentum applikat fuq il-kontroll ta' l-istering.

2.15. 'Kolonna ta' l-istering' tfisser il-*housing* li jagħlaq ix-xaft ta' l-istering.

2.16. 'Mekkaniżmu ta' l-istering' ifisser dak kollu li jikkomprendi l-kontroll ta' l-istering, il- kolonna ta' l-istering, l-aċċessorji ta' l-assemblaġġ, ix-xaft ta' l-istering, il-*housing* tal- *gear* ta' l-istering, u l-komponenti l-oħra kollha bħal dawk iddisinjati biex jikkontribwixxu għall-assorbiment ta' l-enerġija fil-każ ta' impatt kontra l-kontroll ta' l- istering.

2.17. 'Kompartiment tal-passiġġier' ifisser l-ispazju għall-akkomodazzjoni ta' okkupant mdawwar b'saqaf, art, ħitan tal-ġnub, bibien, igglejżjar ta' barra, diviżjoni ta' quddiem u l-pjan tas-sapport tad-dahar tas-sedil ta' wara.

2.18. 'Impattatur' tfisser il-*headform* emisferika riġida ta' dijametru 165 mm, skond l- Anness IV il-paragrafu 3.

2.19. 'Il-punt R', ifisser il-punt ta' referenza tas-sedili definit fl-Anness III għad-Direttiva 77/649/KEE, kif emendata bid-Direttiva 90/630 KEE.

3. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

3.1. **It-tip ta' vettura**

3.1.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-KE ta' tip ta' vettura rigward il-protezzjoni tas- sewwieq kontra l-mekkaniżmu ta' l-istering f'każ ta' impatt għandha tkun sottomessa mill-fabbrikant tal-vettura jew mir-rappreżentat akkreditat tiegħu.

3.1.2. Din għandha tkun akkumpanjata minn tliet kopji tad-dokumenti msemmija hawn taħt u mill-partikolaritajiet segwenti:

3.1.2.1. deskrizzjoni dettaljata tat-tip ta' vettura rigward l-istruttura, id-dimensjoni, il-linji u l- materjali kostitwenti ta' dik il-parti tal-vettura ta' quddiem il-kontroll ta' l-istering;

3.1.2.2. tpinġijiet, fuq skala xierqa u b'dettal suffiċjenti, tal-mekkaniżmu ta' l-istering u tal- partijiet tiegħu li jitwaħħlu max-xasi u l-bodi;

3.1.2.3. deskrizzjoni teknika ta' dak il-mekkaniżmu;

3.1.2.4. il-massa tal-vettura meta tkun taħdem tajjeb;

3.1.2.5. evidenza li l-kontroll ta' l-istering kien approvat skond it-taqsimiet 5.2 u 5.3 ta' hawn taħt jekk applikabbli.

3.1.3. Dan li ġej għandu jkun sottomess lis-servizz tekniku responsabbli biex iwettaq it-testijiet ta' l-approvazzjoni:

3.1.3.1. vettura, rappreżentant tat-tip ta' vettura li trid tkun approvata, għat-test li hemm referenza għalih fit-taqsima 5.1 hawn taħt;

3.1.3.2. fid-diskrezzjoni tal-fabbrikant, bi qbil mas-servizz tekniku, jew vettura oħra, jew dawk il-partijiet tal-vettura li huma essenzjali għat-testijiet li hemm referenza għalihom fit- taqsimiet 5.2 u 5.3 hawn taħt.

3.2. **Tip ta' kontroll ta' l-istering**

3.2.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-KE għal tip ta' kontroll ta' l-istering għandha tkun sottomessa mill-fabbrikant tal-kontroll ta' l-istering jew mir-rappreżentant akkreditat tiegħu.

3.2.2. Din għandha tkun akkumpanjata minn tliet kopji tad-dokumenti msemmija hawn taħt u mill-partikolaritajiet segwenti:

3.2.2.1. deskrizzjoni dettaljata tat-tip tal-kontroll ta' l-istering rigward l-istruttura, id- dimensjonijiet u l-materjali kostitwenti tal-kontroll ta' l-istering;

3.2.2.2. tpinġijiet, fuq skala xierqa u b'dettal suffiċjenti, tal-mekkaniżmu ta' l-istering u tal- partijiet tiegħu li jitwaħħlu max-xasi u l-bodi;

3.2.3. Ir-rappreżentant tal-kontroll ta' l-istering tat-tip tal-kontroll ta' l-istering li jrid ikun approvat flimkien, fid-diskrezzjoni tal-fabbrikant u bi qbil mas-servizz tekniku, dawk il-partijiet tal-vettura li huma essenzjali għat-test, għandhom ikunu sottomessi lis-servizz tekniku responsabbli għat-tmexxija tat-testijiet ta' approvazzjoni, għat-testijiet riferuti fit-taqsimiet 5.2 u 5.3 hawn taħt.

4. APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

4.1. L-awtorità ta' approvazzjoni għandha tivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti sodisfaċenti biex tassigura kontroll effettiv tal-konformità ta' produzzjoni qabel ma tingħata l- approvazzjoni tat-tip.

4.2. Ċertifikat li jaqbel mal-mudell speċifikat f'4.2.1 jew 4.2.2 għandu jinhemeż maċ- ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE.

4.2.1. L-Anness V A għall-applikazzjonijiet riferuti fi 3.1;

4.2.2. L-Anness V B għall-applikazzjonijiet riferuti fi 3.2;

5. SPEĊIFIKAZZJONIJIET

5.1. Meta l-vettura, waqt li qed taħdem, mingħajr manikin, hija ttestjata għall-ħbit kontra barriera b'veloċità ta' 48,3 km/h il-quċċata tal-kolonna ta' l-istering u x-xaft tagħha ma għandhomx jimxu lura, orizzontalment u b'mod parallel għall-assi lonġitudinali tal-vettura, b'iktar minn 12,7 ċm f'relazzjoni ma' punt tal-vettura mhux affettwat mill-impatt u 12,7 ċm vertikalment.

5.2. Meta l-kontroll ta' l-istering jintlaqat minn blokka korporja mitluqa kontra dan il-kontroll b'veloċità relattiva ta' 24,1 km/h, skond il-proċeduri ta' l-Anness III, il-qawwa applikata fuq il-blokka mill-kontroll ta' l-istering ma għandhiex teċċedi l-1,111 daN.

5.3. Meta l-kontroll ta' l-istering jintlaqat minn impattatur mitluq kontra dan il-kontroll b'veloċità relattiva ta' 24,1 km/h, skond il-proċeduri ta' l-Anness IV, id-deċellerazzjoni ta' l-impattatur ma għandhiex teċċedi t-80 g kumulattiva għal iktar minn 3 millisekondi. Id-deċellerazzjoni għandha tkun dejjem inqas minn 120 g ma' CFC 600 Hz.

5.4. Il-kontroll ta' l-istering għandu jkun iddisinjat, kostruwit u ffittjat b'tali mod li:

5.4.1. Qabel it-test ta' l-impatt meħtieġ fit-taqsimiet 5.2 u 5.3 l-ebda parti mill-wiċċ tal-kontroll ta' l-istering, dirett lejn is-sewwieq, li jista' jkun ikkuntattjat minn sfera ta' dijametru ta' 165 mm ma għandu jkollu ebda truf raffi u li jaqtgħu b'raġġ ta' kurvatura ta' inqas minn 2,5 mm.

5.4.1.1. Wara kull test ta' impatt meħtieġ fit-taqsimiet 5.2 u 5.3 l-parti tal-wiċċ tal-kontroll ta' l-istering diretta lejn is-sewwieq ma għandhiex ikollha truf li jaqtgħu u raffi li jistgħu jżidu l-periklu jew is-severità ta' korrimenti lis-sewwieq. Xquq tal-wiċċ żgħar u fissuri għandhom ikunu injorati.

5.4.2. Il-kontroll ta' l-istering għandu jkun iddisinjat, kostruwit u ffittjat b'tali mod li ma jinkorporax komponenti u aċċessorji, inklużi l-kontroll tal-ħorn u l-aċċessorji ta' l-assemblaġġ, li kapaċi jaqbdu fil-ħwejjeg jew ġojjelli tas-sewwieq fil-movimenti tas-sewqan normali.

5.4.3. Fil-każ tal-kontrolli ta' l-istering li mhumiex intenzjonati li jifformaw parti mill-apparat oriġinali dawn għandhom ikunu mitluba li jilħqu l-ispeċifikazzjoni meta ttestjati skond l-Anness III, taqsima 2.1.3 u l-Anness Iv, taqsima 2.3.

5.4.4. Fil-każ tal-'kontrolli ta' l-istering ġenerali', in-neċessitajiet rikjesti għandhom jintlaħqu dwar:

5.4.4.1. il-varjetà kollha ta' l-angoli tal-kolonna, billi huwa mifhum li t-testijiet isiru ta' l-inqas għall-angoli massimi u minimi tal-kolonna għall-varjetà ta' tipi ta' vetturi li għalihom huma intenzjonati l-kontrolli;

5.4.4.2. il-varjetà kollha tal-posizzjonijiet ta' l-impattatur u tal-blokok korporji possibbli f'relazzjoni mal-kontroll ta' l-istering, billi huwa mifhum li t-test isir ta' l-inqas għall-posizzjoni medja tal-varjetà tat-tipi ta' vetturi approvati li għalihom huma intenzjonati l-kontrolli. Fejn tintuża kolonna ta' l-istering, din għandha tkun tat-tip korrispondenti għall-aġħar tip ta' kondizzjonijiet'.

5.4.5. Fejn jintużaw adapters biex jitqabbad tip singolu ta' kontroll ta' l-istering ma' varjetà ta' kolonni ta' l-istering, u jista' jkun muri li b'dawn l-adapters il-karatteristiċi ta' l- assorbiment ta' l-enerġija tas-sistemi huma l-istess, it-testijiet kollha jistgħu jsiru ma' tip wieħed ta' adapter.

6. TESTIJIET

6.1. Konformità man-neċessitajiet ta' taqsima 5 hawn fuq għandhom ikunu spezzjonati skond il-metodi stipulati fl-Annessi II, III u IV. Il-qisien kollha għandhom isiru fuq bażi ta' ISO 6487-1987.

6.2. Madankollu testijiet oħra jistgħu jkunu permessi fid-diskrezzjoni ta' l-awtorità ta' approvazzjoni sakemm tkun tista' tintwera l-ekwivalenza. F'dan il-każ għandu jkun mehmuż rapport mad-dokumentazzjoni ta' l-approvazzjoni li jiddeskrivi l-metodi użati u r-riżultati miksuba.

7. KONFORMITÀ TA' PRODUZZJONI

7.1. Fil-każ ta' approvazzjoni mill-KE tat-tip ta' vettura, sabiex tkun ivverifikata l-konformità, numru suffiċjenti fil-produzzjoni tal-kontrolli ta' l-istering jkunu ssuġġettati għal spezzjonar għal għarrieda.

7.2. Fil-każ ta' approvazzjoni mill-KE tat-tip ta' kontroll ta' l-istering, sabiex tkun ivverifikata l-konformità, numru suffiċjenti fil-produzzjoni tal-kontrolli ta' l-istering jkunu ssuġġettati għal spezzjonar għal għarrieda.

7.3. Bħala regola ġenerali l-ispezzjonar kif inghad qabel għandu jkun ristrett għat-teħid tal-qisien. Madankollu, jekk ikun neċessarju, il-vetturi jew il-kontrolli ta' l-istering ikunu ssuġġettati għat-test preskritt fit-taqsima 5.

ANNESS II

TEST TA' IMPATT FRONTALI KONTRA BARRIERA

1. SKOP

L-iskop ta' dan it-test huwa li jivverifika jekk il-vettura tissodisfax in-neċessitajiet stipulati fit-taqsima 5.1 ta' l-Anness I.

2. INSTALLAZZJONIJIET, PROĊEDURA U STRUMENTI TAL-KEJL

2.1. **L-art riservata għall-ispezzjonar**

L-art riservata għall-ispezzjonar għandha tkun kbira biżżejjed li takkomodaw il-parti fejn tittieħed il-ġirja, il-barriera u l-installazzjonijiet tekniċi meħtieġa għat-test. L-aħħar parti ta' fejn tittieħed il-ġirja, għal ta' l-inqas 5 m qabel il-barriera, tkun orizzontali (pendil inqas minn 3 % mkejjel fuq it-tul ta' metru), ċatta u lixxa.

2.2. **Il-barriera**

Il-barriera għandha tkun tikkonsisti fi blokka ta' konkrit rinforzat mhux inqas minn 3 m wiesa' quddiem u mhux inqas minn 1.5 m għolja. Il-barriera għandha tkun ħoxna biżżejjed li l-massa tagħha tkun ta' l-inqas 70 tunellata. Il-wiċċ ta' quddiem għandu jkun lixx, vertikali u perpendikulari għall-assi tal-parti fejn tittieħed il-ġirja. Din għandha tkun koperta minn folji tal-*plywood* 19p bi ħxuna ta' 1mm u f'kondizzjoni tajba. Struttura ta' pjanċa ta' l-azzar ħoxna 25 mm tista' titqiegħed bejn il-*plywood* u l-barriera. Barriera b'karatteristiċi differenti tista' tintuża bl-istess mod, kemm-il darba l-erja tal-wiċċ ta' l-impatt tkun ikbar mill-erja tal-ħabta frontali tal-vettura li qed tkun ittestjata u kemm-il darba tagħti l-istess riżultati.

2.3. **Il-Propulsjoni tal-vetturi**

Fil-waqt ta' l-impatt il-vettura ma għandhiex tkun iktar suġġetta għall-azzjoni ta' ebda strument addizzjonali li jidderieġi jew jimbotta. Għandha tilħaq l-ostaklu fuq korsa perpendikulari għall-barriera. it-tolleranza massima ta' l-allinjament ħażin laterali bejn il-linja medjana vertikali ta' quddiem tal-vettura u l-linja medjana vertikali tal-barriera hija ta' p. 30 ċm.

2.4. **L-istat tal-vettura**

2.4.1. Għat-test, il-vettura għandha tkun iffittjata jew bil-komponenti u apparat normali kollha inklużi fil-massa mhux mgħobbija tagħha jew tkun f'kondizzjoni li tissodisfa din in-neċessità safejn huma kkonċernati l-komponenti u l-apparat li jikkonċerna l-kompartiment tal-passiġġier u d-distribuzzjoni tal-massa tal-vettura bħala entità, waqt li taħdem tajjeb. Fuq talba tal-fabbrikant, minkejja t-taqsima 5.1 ta' l-Anness I it-test jista' jitwettaq b'manikini fil-post, kemm-il darba fl-ebda mument ma jtellfu l-moviment tal-mekkaniżmu ta' l-istering. Il-massa tal-manikini ma għandhiex tkun ikkunsidrata għall-iskop tat-test.

2.4.2. Jekk il-vettura tinsaq b'mezzi esterni, is-sistema tal-*fuel* għandha timtela ta' l-inqas sa 90 % tal-kapaċità tagħha b'likwidu li ma jaqbadx li jkollu densità ta' bejn 0,7 u 1. Is- sistemi l-oħra kollha (kontenituri tal-fluwidu tal-brejkijiet, ir-radjatur, eċċ.) jistgħu jkunu vojta.

2.4.3. Jekk il-vettura titmexxa bil-magna tagħha stess, it-tank tal-*fuel* għandu jkun ta' l-inqas 90 % mimli. Il-kontenituri l-oħra għandhom ikunu mimlijin sa fuq.

Jekk il-fabbrikant ikun jixtieq u s-servizz tekniku jaqbel, il-dħul tal-*fuel* fil-magna jista' jkun ipprovdut minn tank awżiljarju li jesa' ftit. F'dan il-każ, it-tank tal-*fuel* jimtela sa mhux inqas minn 90 % ta' kemm jesa' b'likwidu li ma jaqbadx ta' densità ta' bejn 0,7 u 1.

2.4.4. Jekk il-fabbrikant jitlob hekk, is-servizz tekniku responsabbli għat-tmexxija tat-testijiet jista' jippermetti lill-istess vettura kif hija użata għat-testijiet preskritti minn Direttivi oħra (inklużi testijiet li kapaċi jaffettwaw l-istruttura tagħha) biex tkun użata wkoll għat-testijiet preskritti minn din id-Direttiva.

2.5. **Il-veloċità ma' l-impatt**

Il-veloċità ma' l-impatt għandha tkun bejn 48,3 km/h u 53,1 km/h. Madankollu, jekk it-test ikun twettaq b'veloċità ta' impatt ogħla u l-vettura tkun issodisfat in-neċessitajiet stabbiliti, it-test ikun meqjus bħala sodisfaċenti.

2.6. **Strumenti ta' kejl**

L-istrument użat biex jirrekordja l-veloċità riferuta fit-taqsima 2.5 hawn fuq għandu jkun eżatt sa 1 %.

3. RIŻULTATI

3.1. Biex tiddetermina l-moviment lura u 'l fuq tal-kontroll ta' l-istering, għandu jsir irrekordjar [1] waqt il-ħabta, tal-varjazzjoni fid-distanza - imkejla orrizzontalment [2] u b'mod parallel ma' l-assis lonġitudinali tal-vettura u, vertikalment, fid-direzzjoni perpendikulari għal dak l-assi - bejn il-quċċata tal-kolonna ta' l-istering (u x-xaft) u punt fuq il-vettura li mhux effettwat mill-impatt. L-ikbar valur ta' din il-varjazzjoni, meħud mir-rekordjar, jittieħed bħala l-moviment lura u 'l fuq.

3.2. Wara t-test, il-ħsara mġarrba mill-vettura għandha tkun deskritta f'rapport bil-miktub; ritratt wieħed ta' l-inqas ikun meħud għal kull waħda mill-veduti segwenti tal-vettura:

3.2.1. — ġnub (lemin u xellug),

3.2.2. — quddiem,

3.2.3 — il-qiegħ,

3.2.4. — l-erja affettwata fil-kompartiment tal-passiġġier.

4. FATTURI TA' KORREZZJONI

4.1. **Notazzjoni**

v: veloċità rrekordjata f'km/h:

m_0: massa tal-prototip fl-istat iddefinit fil-paragrafu 2.4 ta' dan l-Anness;

m_1: massa tal-prototip bl-apparat ta' l-ittestjar;

d_0: varjazzjoni fid-distanza mkejla waqt l-impatt, kif iddefinita fit-taqsima 3.1 ta' dan l- Anness;

d_1: varjazzjoni fid-distanza wżata biex tiddetermina r-riżultati tat-test;

K_1: l-ikbar minn (48,3/V)2 u 0,83;

K_2: l-ikbar minn m0/m1 u 0,8.

4.2. Il-varjazzjoni D_1 korretta użata biex tispezzjona l-konformità tal-prototip bin- neċessitajiet ta' din id-Direttiva għandha tkun ikkalkulata bil-formula segwenti:

$$D_1 = D_0 . K_1 . K_2$$

4.3. Test ta' impatt frontali kontra barriera ma jkunx meħtieġ fil-każ ta' vettura li hija identika għall-prototip ikkunsidrat fir-rigward tal-karatteristiċi speċifikati fit-taqsima 2.2 ta' l-Anness I iżda li l-massa tiegħu m1 tkun ikbar minn m0, jekk m1 ma tkunx iktar minn 1,25 m0 u jekk il-varjazzjoni D_2 ikkorreġuta tinkiseb mill-varjazzjoni D_1 bil-formula $D_2 = (m1 . D_1)/m0$ hija hekk biex turi li l-vettura l-ġdida xorta tissodisfa n-neċessitajiet tat-taqsima 5 ta' l-Anness I

5. PROĊEDURI EKWIVALENTI

5.1. Testijiet alternattivi jistgħu jkunu permessi fid-diskrezzjoni ta' l-awtorità ta' approvazzjoni kemm-il darba tkun tista' tintwera l-ekwivalenza. Rapport għandu jkun mehmuż mad-dokumentazzjoni ta' l-approvazzjoni li jiddeskrivi l-metodu wżat u r- riżultati miksuba jew ir-raġuni għaliex ma sarx it-test.

5.2. Ir-responsabbiltà biex tintwera l-ekwivalenza tal-metodu alternattiv għandha tibqa' tal- fabbrikant jew tar-rappreżentant tiegħu li jixtieq juża dak il-metodu.

---

[1] Dan l-irrekordjar jista' jinbidel ma' kejl massimu.

[2] 'Orizzontalment' tfisser b'referenza għall-kompartiment tal-passiġġier meta l-vettura tkun wieqfa qabel it-test, mhux fi spazju waqt moviment tal-vettura f'relazzjoni ma' l-art, u vertikalment tkun perpendikulari għal orizzontali u 'l fuq.

ANNESS III

TEST TAL-BLOKKA-KORPORJA

1. SKOP

L-iskop ta' dan it-test huwa li jivverifika jekk il-vettura tissodisfax in-neċessitajiet stipulati fil-paragrafu 5.2 ta' l-Anness I.

2. INSTALLAZZJONIJIET, PROĊEDURA U STRUMENTI TAL-KEJL

2.1. **Immuntar tal-kontroll ta' l-istering**

2.1.1. Il-kontroll għandu jkun immuntat fis-sezzjoni ta' quddiem tal-vettura ottenut billi jinqata' l-bodi transversalment fil-livell tas-sedili ta' quddiem, u possibbilment ikunu eliminati s-saqaf, il-*windscreen* u l-bibien. Din is-sezzjoni għandha tkun iffissata riġidament mal-bank tat-test, sabiex ma tiċċaqlaqx ma' l-impatt tal-blokka korporja.

It-tolleranza fuq l-anglu tal-*mounting* tal-kontroll għandha tkun ta' p. 2 gradi ta' l-anglu tad-disinn.

2.1.2. Madankollu, fuq talba tal-fabbrikant u bi qbil mas-servizz tekniku, il-kontroll ta' l- istering jista' jkun immuntat fuq struttura li tixbaħ il-*mounting* tal-mekkaniżmu ta' l- istering sakemm, kif ikkumparat ma' l-assemblaġġ reali tas-sezzjoni tal-bodi/l- assemblaġġ tal-mekkaniżmu ta' l-istering, l-istruttura/l-assemblaġġ tal-mekkaniżmu ta' l- istering ikollu:

2.1.2.1. l-istess arranġament ġeometriku, u

2.1.2.2. riġidità akbar.

2.1.3. L-immuntar tal-kontroll ta' l-istering isir meta tkun qed tfittex approvazzjoni tal-kontroll ta' l-istering biss

Il-kontroll ta' l-istering għandu jkun ittestjat b'mod sħiħ għax-xtur. Il-kontroll ta' l-istering irid ikollu spazju ta' qlib minimu ta' 100 mm bejn il-kontroll ta' l-istering u l-bank tat-test. Ix-xaft ta' l-istering għandu jkun imwaħħal sewwa mal-bank tat-test biex hekk x-xaft ta' l-istering ma jiċċaqlaqx ma' l-impatt. (Ara Dijagramma 2)

2.2. **L-issettjar tal-mekkaniżmu ta' l-istering għat-testijiet**

2.2.1. Waqt l-ewwel test, il-kontroll ta' l-istering għandu jiddawwar biex b'hekk l-iktar *spoke* riġida tkun perpendikulari mal-punt tal-kuntatt mal-blokka korporja; jekk il-kontroll ta' l-istering ikun rota ta' l-istering, it-test ikun ripetut bl-iktar parti flessibbli tar-rota ta' l-istering perpendikulari ma' dak il-punt ta' kuntatt. Fil-każ ta' kontroll ta' l-istering aġġustabbli, iż-żewġ testijiet għandhom isiru bir-rota aġġustata fil-posizzjoni tan-nofs.

2.2.2. Jekk il-vettura hija armata bi strument biex ikun aġġustat il-pindil u l-posizzjoni tar-rota ta' l-istering, it-test għandu jitwettaq bir-rota ta' l-istering fil-posizzjoni normali ta' użu indikata mill-fabbrikant u meqjusa mill-laboratorju bħala rappreżentattiva mill-punt ta' osservazzjoni ta' l-assorbiment ta' l-enerġija.

2.2.3. Jekk il-kontroll ta' l-istering huwa ffittjat b'borża ta' l-arja t-test għandu jitwettaq bil-borża ta' l-arja minfuħa. Fuq talba tal-fabbrikant, u bi qbil mas-servizz tekniku, it-test jista' jitwettaq mingħajr il-borża ta' l-arja minfuħa.

2.3. **Il-Blokka koporja**

Il-blokka koporja jkollha l-forma, id-dimensjonijiet, il-massa u l-karatteristiċi murija fl-Appendiċi għal dan l-Anness.

2.4. **Kejl tal-forzi**

2.4.1. Għandu jsir kejl tal-forza massima, li taġixxi orizzontalment u b'mod parallel għall-assi lonġitudinali tal-vettura, applikata għall-blokka korporja bħala riżultat ta' l-impatt kontra l-kontroll ta' l-istering.

2.4.2. Din il-forza tista' tkun imkejla direttament jew indirettament jew tista' tkun ikkalkulata mill-valuri rrekordjati waqt it-test.

2.5. **Il-Propulsjoni tal-blokka korporja**

2.5.1. Kull metodu ta' propulsjoni jista' jintuża, sakemm meta l-blokka korporja tolqot il-kontroll ta' l-istering tkun ħielsa minn kull konnessjoni ma' l-istrument tal-propulsjoni. Il-blokka korporja għandha tolqot dan il-kontroll wara trajettorja approssimattivament dritta parallela għall-assi loġitudinali tal-vettura.

2.5.2. Il-punt-H tal-blokka korporja, indikat b'marka speċjali, għandu jkun aġġustat biex qabel l-impatt ikun fil-pjan orizzontali għaddej mill-punt-R kif indikat mill-fabbrikant tal-vettura.

2.6. **Il-veloċità**

Il-blokka korporja tolqot il-kontroll ta' l-istering b'veloċità ta' 24,1 + 1,2/-0 km/h. Madankollu, jekk it-test ikun twettaq b'veloċità ta' impatt ogħla u l-kontroll issodisfa n-neċessitajiet stabbiliti, it-test għandu jitqies bħala sodisfaċenti.

2.7. **Strumenti tal-kejl**

2.7.1. L-istrumentazzjoni użata biex tirrekordja l-parametri riferuti fil-paragrafu 5.2 ta' l-Anness I tippermetti li jsiru l-qisien bl-eżattezza segwenti:

2.7.1.1. veloċità tal-blokka korporja sa 2 %;

2.7.1.2. irrekordjar tal-ħin: sa 1/1000 ta' sekonda.

2.7.1.3. Il-bidu ta' l-impatt (punt zero) fil-waqt ta' l-ewwel kuntatt tal-blokka korporja mal-kontroll ta' l-istering għandu jkun identifikat fuq ir-rekordings u l-films użati biex ikunu analizzati r-riżultati tat-test.

2.7.1.4. Kejl tal-forza

L-istrumentalizzazzjoni użata għandha tkun konformi ma' ISO 6487-1987 sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'din id-Direttiva.

2.7.1.4.1. Bi *transducers* ta' tagħbija inseriti fis-sistema ta' l-istering: iċ-*channel amplitude class* għandha tkun ta' 1 960 daN (2 000 kg) u ċ-*channel frequency class* 600 Hz.

2.7.1.4.2. B'aċċellerometri jew *transducers* tat-tagħbija inseriti fil-blokka korporja jew bi *transducers* ta' tagħbija inseriti fis-sistema ta' l-istering:

Żewġ aċċellerometri bla direzzjoni jitqiegħdu simetrikament fil-pjan transversali taċ-ċentru tal-gravità tal-blokka korporja. Iċ-*channel amplitude class* għandha tkun ta' 60 g u ċ-*channel frequency class* 180 Hz. Metodi oħra fir-rigward tan-numru u posizzjonar ta' l-aċċellerometri tal-kejl għandhom ikunu permessi, bħal ngħidu aħna billi jkun diviż l-apparat tat-test f'partijiet separati fiċ-ċentru tal-gravità li fiha jitqiegħdu l-aċċellerometri biex ikejlu l-aċċelerazzjoni orizzontali u parallela għall-assi lonġitudinali tal-vettura. Il-forza riżultanti tkun il-forza korrispondenti għall-massimu tas-somma tal-forzi kkalkulati jew imkejla direttament għal kull parti tal-blokka korporja.

2.8. **Temperatura ta' l-ambjent: stabbilizzata f'20°C p. 5°C**

3. IR-RIŻULTATI


3.1. Wara t-test il-ħsara mġarrba mill-mekkaniżmu ta' l-istering għandha tkun aċċertata u deskritta f'rapport miktub; ta' l-inqas għandu jittieħed ritratt wieħed ta' dehra mill-ġenb u wieħed minn quddiem tal-kontroll ta' l-istering/tal-kolonna ta' l-istering/u ta' l-erja tal-pannell ta' l-istrumenti.

3.2. Il-valur massimu tal-forza għandu jkun imkejjel jew ikkalkulat kif indikat fil-paragrafu 2.4.

Appendiċi

IL-BLOKKA KORPORJA

(Massa: 34 - 36 50th *percentile* blokka korporja f'għamla torso)



Rata ta' mmullar: 107kgf/ċm – 143kgf/ċm

Is-sider hu mimli bi travu ta' 100mm kif muri, f'90 ma' l-assi lonġitudinali tal-blokka u parallel għall-pjanċa li tirfed. It-tagħbija titkejjel meta t-travu jkun daħal 12,7mm fil-blokka korporja.

Dimensjoni bil-mm

ANNESS IV

IT-TEST TAL-*HEAD FORM*

1. SKOP

L-iskop ta' dan it-test huwa li jivverifika jekk il-kontroll ta' l-istering jissodisfax in- neċessitajiet stipulati fil-paragrafu 5.3 ta' l-Anness I.

2. INSTALLAZZJONIJIET, PROĊEDURA U STRUMENTI TAL-KEJL

2.1. **Ġenerali**

2.1.1. Il-kontroll ta' l-istering għandu jkun ittestjat b'mod sħiħ għax-xtur.

2.1.2. Jekk il-kontroll ta' l-istering huwa ffittjat b'borża ta' l-arja it-test jitwettaq bil-borża ta' l-arja minfuħa. Fuq talba tal-fabbrikant, u bi qbil mas-servizz tekniku, it-test jista' jitwettaq mingħajr il-borża ta' l-arja minfuħa.

2.2. **Immuntar tal-kontroll ta' l-istering meta tkun qed tfittex approvazzjoni tal-kontroll ta' l-istering irrelatata ma' approvazzjoni ta' vettura**

2.2.1. Il-kontroll għandu jkun immuntat fis-sezzjoni ta' quddiem tal-vettura ottenut billi jinqata' l-bodi transversalment fil-livell tas-sedili ta' quddiem, u possibbilment ikunu eliminati s-saqaf, il-*windscreen* u l-bibien.

Din is-sezzjoni għandha tkun iffissata riġidament mal-bank tat-test, sabiex ma tiċċaqlaqx ma' l-impatt tal-*head form*.

It-tolleranza fuq l-angolu tal-*mounting* tal-kontroll għandha tkun ta' p. 2 gradi ta' l-anglu tad-disinn.

2.2.2. Madankollu, fuq talba tal-fabbrikant u bi qbil mas-servizz tekniku, il-kontroll ta' l-istering jista' jkun immuntat fuq struttura li tixbah il-*mounting* tal-mekkaniżmu ta' l-istering sakemm, kif ikkumparat ma' l-assemblaġġ tas-sezzjoni tal-bodi/l-assemblaġġ tal-mekkaniżmu ta' l-istering, l-istruttura/l-assemblaġġ tal-mekkaniżmu ta' l-istering ikollu:

2.2.2.1. l-istess arranġament ġeometriku, u

2.2.2.2. riġidità akbar.

2.3. **Immuntar tal-kontroll ta' l-istering isir meta tkun qed titfittex approvazzjoni tal-kontroll ta' l-istering biss**

Il-kontroll ta' l-istering għandu jkun ittestjat b'mod sħiħ għax-xtur. Il-kontroll ta' l-istering irid ikollu spazju ta' qlib minimu ta' 100 mm bejn il-kontroll ta' l-istering u l-bank tat-test. Ix-xaft ta' l-istering għandu jkun imwaħħal sewwa mal-bank tat-test biex hekk ix-xaft ta' l-istering ma jiċċaqlaqx ma' l-impatt. (Ara Dijagramma 2)

2.3.1. Madankollu, fuq talba tal-fabbrikant it-test jista' jsir taħt kondizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 2.2 ta' hawn fuq. F'dan il-każ l-approvazzjoni hija biss valida għal immuntar fuq tip/tipi ta' vetturi speċifikati

3. L-APPARAT TAT-TEST

3.1. Dan l-apparat jikkonsisti f'impattatur lineari ggwidat kompletament b'massa ta' 6,8 kg.

3.2. Il-*head-form* għandha tkun iffittjata b'żewġ aċċellerometri u strument li jkejjel il-veloċità, kollha kapaċi jkejlu l-valuri fid-direzzjoni ta' l-impatt.

3.3. **L-istrumenti tal-kejl**

3.3.1. L-istrumenti tal-kejl użati għandhom ikunu konformi ma' ISO 6487-1987. Barra minn dan ikollhom il-karatteristiċi segwenti:

3.3.2. *Aċċellerazzjoni*

Channel amplitude class 150 g

Channel frequency class (600) Hz;

3.3.3. *Il-veloċità*

Eżatt sa – 1 %;

3.3.4. *L-irrekordjar tal-ħin:*

L-istrumentazzjoni għandha tippermetti li l-azzjoni tkun irrekordjata waqt il-ħin kollu tagħha u li jittieħed qari eżatt sa wieħed minn elf ta' sekonda. Il-bidu ta' l-impatt fil-waqt ta' l-ewwel kuntatt bejn l-impattatur u l-kontroll ta' l-istering għandu jkun innotat fuq ir-rekordings użati biex ikun analizzat t-test.

4. PROĊEDURI TAT-TEST

4.1. Il-pjan tal-kontroll ta' l-istering għandu jkun issettjat perpendikulari għad-direzzjoni ta' l-impatt.

4.2. Massimu ta' erba' posizzjonijiet u minimu ta' tlieta fuq kull tip ta' kontroll ta' l-istering għandhom iġarrbu impatt. Għal kull impatt għandu jkun użat kontroll ta' stering ġdid. Għal impatti suċċessivi l-assi assjali ta' l-impattatur għandu jkun f'linja ma' wieħed mill-punti segwenti:

4.2.1. iċ-ċentru tal-boxxla tal-kontroll ta' l-istering;

4.2.2. il-*joint* ta' l-iktar *spoke* iebsa u l-iktar issapportjata mat-tarf ta' ġewwa tar-rimm tal-kontroll ta' l-istering;

4.2.3. il-punt ċentrali ta' l-iqsar ark mhux sapportjat tar-rimm tal-kontroll ta' l-istering li ma jinkludix *spoke*;

4.2.4. fid-diskrezzjoni ta' l-awtorità ta' approvazzjoni, l-'aħjar' posizzjoni tal-kontroll ta' l-istering.

4.3. L-impattatur għandu jolqot il-kontroll ta' l-istering b'veloċità ta' 24,1 km/h; din il-veloċità għandha tintlaħaq jew sempliċement bl-enerġija tal-propulsjoni jew bl-użu ta' apparat addizzjonali ta' propulsjoni.

5. RIŻULTATI

5.1. Fit-testijiet imwettqa skond il-proċedurui ta' hawn fuq, ir-rata tad-deċellerazzjoni ta' l-impattatur għandha tittieħed bħala l-medja simultanja tal-qari taż-żewġ deċellerometri.

6. PROĊEDURI EKWIVALENTI

6.1. Testijiet alternattivi jistgħu jkunu permessi fid-diskrezzjoni ta' l-awtorità ta' approvazzjoni kemm-il darba tkun tista' tintwera l-ekwivalenza. Ikun mehmuż rapport mad-dokumentazzjoni ta' l-approvazzjoni li jiddeskrivi l-metodi wżati u r-riżultati miksuba.

6.2. Ir-responsabbiltà biex tintwera l-ekwivalenza tal-metodu alternattiv tibqa' tal-fabbrikant jew tar-rappreżentant tiegħu li jixtieq juża dak il-metodu.

PRESKRIZZJONI TA' RIĠIDITÀ BEJN IX-XAFT TA' L-ISTERING U L-BANK TAT-TEST

(Ara Dijagrammi 1 u 2)




Figura 1




Figura 2

Taħt tagħbija ta' 800 dN li tipproduċi *couple* ta' 160 m.dN f'relazzjoni mal-punt B, l-ispostament f'kull direzzjoni tal-punt A ikun inqas minn 2 mm.

ANNESS V A

L-ANNESS GĦAĊ-ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE GĦAL TIP TA' VETTURA RIGWARD IL-KOMPORTAMENT TAL-MEKKANIŻMU TA' L-ISTERING FIL-KAŻ TA' IMPATT

(Direttiva 91/662/KEE, li temenda 74/297/KEE)

(l-Artikoli 4(2) u 10 tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatata ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u t-*trailers* tagħhom)

Isem ta' l-Amministrazzjoni

Approvazzjoni tat-tip tal-KEE Nru ..... Estensjoni Nru .....

1. Isem tad-ditta jew marka tal-vettura bil-mutur .....
2. Tip ta' vettura .....
3. Isem u indirizz tal-fabbrikant .....

   .....
4. Jekk applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-fabbrikant .....

   .....

   .....
5. Deskrizzjoni qasira tal-mekkaniżmu ta' l-istering u l-komponenti tal-vettura li jikkontribwixxu għall-protezzjoni tas-sewwieq kontra l-mekkaniżmu ta' l-istering f'każ ta' impatt .....

   .....

   .....

   .....
6. Massa tal-vettura waqt it-test

   fus ta' quddiem: .....

   fus ta' wara: .....

   total: .....
7. Vettura sottomessa għat-test ta' approvazzjoni .....
8. Servizz tekniku responsabbli għat-tmexxija tat-testijiet ta' approvazzjoni .....

   .....
9. Data tar-rapport maħruġ mis-servizz .....
10. Numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz .....
11. Approvazzjoni mogħtija/rifjutata [1]
12. Post .....
13. Data .....
14. Firma .....
15. Id-dokumenti segwenti, bin-numru ta' l-approvazzjoni muri hawn fuq, jistgħu jkunu miksuba fuq talba:

    ..... ritratti u/jew tpinġijiet li jippermettu l-identifikazzjoni tat-tip/(i) bażiċi tal-vettura, u jekk inhu possibbli varjanti, li huma koperti bl-approvazzjoni; ..... rapport(i) tat-test.

---

[1] Ħassar dak li ma japplikax.

ANNESS V B

L-ANNESS GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE GĦAL TIP TA' KONTROLL TA' L-ISTERING RIGWARD IL-PROTEZZJONI TAS-SEWWIEQ KONTRA L-MEKKANIŻMU TA' L-ISTERING FIL-KAŻ TA' IMPATT

(Direttiva 91/662/KEE, li temenda 74/297/KEE)

(l-Artikolu 9a tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri relatata ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u t-trailers tagħhom)

Isem ta' l-Amministrazzjoni

Approvazzjoni tat-tip tal-KEE Nru ..... Estensjoni Nru .....

1. Isem tad-ditta jew marka tat-tip tal-kontroll ta' l-istering .....

   .....

2. Isem u indirizz tal-fabbrikant .....

   .....

3. Jekk applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-fabbrikant; .....

   .....

   .....

4. Tip(i) ta' vettura li fiha huwa intenzjonat li jkun iffittjat il-kontroll .....

   .....

5. Deskrizzjoni qasira tal-kontroll ta' l-istering għall-protezzjoni tas-sewwieq kontra l-mekkaniżmu ta' l-istering f'każ ta' impatt .....

   .....

   .....

6. Kontroll ta' l-istering sottomess għall-approvazzjoni fi .....

7. Servizz tekniku responsabbli għat-tmexxija tat-test ta' approvazzjoni .....

8. Data tar-rapport maħruġ mis-servizz .....

9. Numru tar-rapport maħruġ mis-servizz. .....

10. Approvazzjoni moghtija/rifjutata [1].....

11. Post .....

12. Data. .....

13. Firma. .....

14. Id-dokumenti segwenti, bin-numru ta' l-approvazzjoni muri hawn fuq, jistgħu jkunu miksuba fuq talba:

    ..... ritratti u/jew tpinġijiet li jippermettu l-identifikazzjoni tat-tip/(i) bażiċi tal-vettura, u jekk inhu possibbli varjanti, li huma koperti bl-approvazzjoni; ..... rapport(i) tat-test.

---

[1] Ħassar dak li ma japplikax.